IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2013
COM(2013) 460 final

2013/0229 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

Dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sfond

Ħafna mir-Rom fl-Ewropa jħabbtu wiċċhom ma' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali fil-ħajja ta' kuljum. Huma emarġinati u l-biċċa l-kbira tagħhom jgħixu f'kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ħżiena ħafna. Bħala medja, wieħed minn kull żewġt itfal Rom biss jattendu skola preprimarja jew kindergarten; il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni tonqos b'mod konsiderevoli wara l-iskola obbligatorja, u 15 % biss miż-żgħażagħ Rom ilestu l-edukazzjoni sekondarja għolja; bħala medja, inqas minn wieħed minn kull tliet persuni Rom jirrappurtaw li għandhom impjieg; 20 % mhumiex koperti minn assigurazzjoni medika u 90 % jgħixu taħt il-limitu tal-faqar[1]. Dan idgħajjef il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli tal-bniedem, ixekkel il-kompetittività u jiġġenera kost għas-soċjetà inġenerali. Id-diskriminazzjoni tar-Rom hija inkompatibbli wkoll mal-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE. Il-qofol tal-problema jinsab fil-konnessjonijiet mill-qrib bejn id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jesperjenzaw ir-Rom.

Kuntest tal-politika

Fil-5 ta' April 2011, il-Kummissjoni adottat Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom sal-2020[2]. Il-Kunsill Ewropew approvah f'Ġunju 2011. Huwa esprima r-rieda politika tal-UE li tindirizza s-sitwazzjoni tar-Rom.

B'dan il-Qafas, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jadottaw approċċ effettiv għall-integrazzjoni tar-Rom u japprovaw l-għanijiet fuq l-erba' pilastri tal-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni.

Skont il-qafas, kull sena l-Kummissjoni trid tirrapporta dwar il-progress magħmul mill-Istati Membri. Fl-2012, hija vvalutat għall-ewwel darba l-istrateġiji nazzjonali ppreżentati mill-Istati Membri u adottat konklużjonijiet orizzontali — COM(2012) 226 finali — u indikazzjonijiet speċifiċi dwar is-saħħiet u d-dgħufijiet tal-istrateġija ta' kull Stat Membru — SWD(2012)133 finali.

Sena wara, ir-rapport tal-Kummissjoni jiffoka fuq il-progress li għamlu l-Istati Membri biex jiżguraw li hemm diversi prekundizzjonijiet fis-seħħ għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji nazzjonali. Dawn il-prekundizzjonijiet jinkludu l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, ħidma mill-qrib mas-soċjetà ċivili, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji, anke permezz tat-tisħiħ tar-rwol tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom, l-allokazzjoni tal-finanzjament meħtieġ, l-intensifikar tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni tagħha f'oqsma oħra ta' politika. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset il-kontribut tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra.

Filwaqt li tibni fuq il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport u fuq ir-rapport ta' progress tal-2012 tal-Kummissjoni[3], il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tħaffef il-progress billi tiffoka l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar għadd ta' miżuri konkreti li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom b'mod aktar effettiv.

---

[1] *The Situation of Roma in 11 Member States; Survey Results at a Glance* (*Is-Sitwazzjoni tar-Rom fi 11-il Stat Membru: Daqqa t'għajn lejn ir-riżultati tal-istħarriġ*), l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, 2012.

[2] COM(2011) 173 finali.

[3] COM(2012) 226 finali.

Skop tal-proposta

Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq il-komunikazzjonijiet tal-2011 u tal-2012 tal-Kummissjoni[4] u l-Konklużjonijiet tal-2011 tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Rom[5]. Hija għandha l-għan li tiggwida lill-Istati Membri fit-titjib tal-effettività tal-miżuri tagħhom biex jintegraw lir-Rom u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Rom jew settijiet ta' miżuri ta' politika biex titjieb is-sitwazzjoni tar-Rom, f'konformità mal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri skont id-daqs u s-sitwazzjoni rispettivi tal-popolazzjoni tar-Rom. Hija ssaħħaħ il-Qafas tal-UE bi strument legali li ma jorbotx sabiex tagħmilha aktar faċli biex l-Istati Membri jibdlu l-impenji tagħhom f'realtà. Ir-Rakkomandazzjoni tkopri speċifikament:

- **azzjoni speċifika mmirata, li tibni fuq l-aħjar prattiki, biex issaħħaħ l-integrazzjoni tar-Rom** b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u mingħajr ma tirdoppja l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE. Dan huwa l-każ għall-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni;
- **kwistjonijiet orizzontali li huma essenzjali biex jitpoġġew fil-prattika politiki għall-integrazzjoni tar-Rom u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom.** Dawn jinkludu b'mod partikulari l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-istereotipi; il-protezzjoni tat-tfal u n-nisa; l-adozzjoni ta' approċċ ta' investiment soċjali; il-ġbir ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tar-Rom biex jimmonitorjaw l-impatt tal-politiki; it-traduzzjoni ta' impenji nazzjonali f'azzjoni lokali; is-sostenn tal-ħidma ta' korpi li jippromwovu t-trattament ugwali tar-Rom; it-tisħiħ tar-riżorsi u l-kapaċitajiet tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni transnazzjonali;
- **prinċipji ġenerali li jiżguraw l-allokazzjoni trasparenti u xierqa ta' fondi għall-inklużjoni tar-Rom** (mhux fondi tal-UE biss, iżda anke fondi nazzjonali u lokali). Ir-rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar il-fondi tal-UE huma bbażati fuq l-esperjenza tal-perjodu ta' programmar attwali u dwar ir-Regolament propost dwar dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-integrazzjoni tar-Rom hija tal-awtoritajiet pubbliċi, din għadha tkun ta' sfida minħabba li l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Rom hija proċess bilaterali li jirrikjedi bidla fil-mentalità tal-maġġoranza tan-nies kif ukoll tal-membri tal-komunitajiet tar-Rom.

Konsistenza ma' politiki u objettivi oħra tal-Unjoni

L-ugwaljanza hija waħda mill-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE u wieħed mill-miri ewlenin tagħha skont l-Artikolu 2 tat-TUE.

Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tat-TUE jħaddan fih il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni bħala waħda mill-miri tal-Unjoni.

Bl-istess mod, skont l-Artikolu 8 tat-TFUE, l-UE għandha l-għan li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha. L-Artikolu 10 tat-TFUE jiddikjara li "fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet

[4] *Il-Komunikazzjoni dwar Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Roma COM 2011) 173; Il-Komunikazzjoni dwar wieħed mill-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE COM(2012) 226.*

[5] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2011 dwar Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom.

tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali".

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea b'mod partikulari tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza jew oriġini etnika fost raġunijiet oħra.

Il-proposta hija konsistenti ma' leġiżlazzjoni sekondarja eżistenti fil-qasam tal-antidiskriminazzjoni sakemm din tikkomplementa l-qafas ġuridiku stabbilit. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u tistabbilixxi qafas vinkolanti billi tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' oriġini tar-razza jew l-etniċità fl-UE kollha fl-oqsma tal-impjiegi u t-taħriġ, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali (inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa), il-vantaġġi soċjali, u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi (inkluża l-akkomodazzjoni). Hija tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, il-fastidju u l-istruzzjoni favur id-diskriminazzjoni. L-Istati Membri kollha tal-UE ttrasponew din id-Direttiva f'leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea tiċċekkja li d-Direttiva hija implimentata b'mod korrett u se tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha fl-2013.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-proposta hija bbażata fuq il-ħidma li twettqet matul żewġ laqgħat ta' grupp ta' Stati Membri stabbiliti fl-2012 fil-kuntest tan-netwerk tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom[6]. Il-laqgħat, li saru bejn is-7 u t-8 ta' Novembru u s-6 u s-7 ta' Diċembru 2012, u li l-parteċipazzjoni fihom kienet fuq bażi volontarja, irriżultaw f'diskussjonijiet li ħallew il-frott bejn l-Istati Membri fuq għadd ta' kwistjonijiet meqjusa kruċjali biex tingħata spinta lill-inklużjoni tar-Rom.

F'konformità mal-Qafas tal-UE, l-Istati Membri kienu mitluba jippreżentaw Strateġiji nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sa tmiem l-2011. L-Istati Membri kollha ssodisfaw l-impenji tagħhom f'dan ir-rigward u l-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni biex ikunu aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha. Il-Kummissjoni rċeviet firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet minn diversi partijiet interessati, inkluża s-soċjetà ċivili, dwar l-istrateġiji infushom u aktar reċentement dwar l-implimentazzjoni tagħhom[7], inkluż waqt djalogu bejn il-Kummissarji u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-15 ta' Mejju 2013.

---

[6] Dawn il-pajjiżi jinkludu l-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

[7] Dan jinkludi rapporti minn koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzati mill-Fondazzjoni tas-Segretarjat tad-Deċennju tal-Inklużjoni tar-Rom f'sitt Stati Membri (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja) u żewġ pajjiżi tat-tkabbir (l-Albanija, FYROM), rapporti min-netwerk ta' esperti indipendenti dwar l-inklużjoni soċjali (http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1025&langId=en), ir-rapport mill-Uffiċċju Ewropew ta' Informazzjoni dwar ir-Rom, *Discrimination against Roma in the EU in 2012* (Diskriminazzjoni kontra r-Rom fl-UE fl-2012), reazzjonijiet bil-miktub minn Eurocities u minn Eurodiaconia u dokumenti ta' riċerka min-Netwerk akkademiku dwar l-istudji dwar ir-Rom (http://romanistudies.eu/news/contributions_from_members/).

Barra minn hekk, saru laqgħat regolari mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet Ewropej umbrella tar-Rom[8] dwar l-isfidi u l-aktar kwistjonijiet importanti meħtieġa fil-livelli kollha biex tiġi promossa b'mod attiv l-inklużjoni tar-Rom.

Minħabba l-għadd ta' kontribuzzjonijiet li waslu f'dan il-qafas, il-Kummissjoni qieset li ma kienet meħtieġa l-ebda konsultazzjoni pubblika ulterjuri speċifikament fuq ir-Rakkomandazzjoni.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Bażi legali

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill trid tgħaqqad il-kontenut tagħha ma' qasam ta' politika tat-Trattati. Din ir-rabta hija meħtieġa wkoll biex jiġu stabbiliti r-regoli ta' adozzjoni tal-Att (unanimità jew maġġoranza kwalifikata).

Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għażla ta' bażi legali trid tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi li jista' jsir stħarriġ ġudizzjarju fuqhom, inkluż b'mod partikulari l-għan u l-kontenut tal-miżura inkwistjoni[9].

L-Artikolu 292 tat-TFUE jistipula l-mandat tal-Kunsill li jadotta rakkomandazzjonijiet. Huwa jinqara kif ġej:

"Il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet. Għandu jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni fil-każijiet kollha fejn it-Trattati jipprovdu li għandu jadotta atti fuq proposta tal-Kummissjoni. Għandu jaġixxi b'mod unanimu f'dawk l-oqsma fejn tkun meħtieġa l-unanimità sabiex jiġi adottat att tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, kif ukoll il-Bank Ċentrali Ewropew fil-każijiet speċifiċi previsti fit-Trattati, għandhom jadottaw rakkomandazzjonijiet."

Id-dritt tal-UE li taġixxi fi kwistjonijiet ta' antidiskriminazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza jew oriġini etnika, joħroġ mill-Artikolu 19(1) tat-TFUE. Din id-dispożizzjoni hija l-bażi legali għal kwalunkwe miżura li torbot u li ma torbotx biex jiġu miġġielda atti u prattiki diskriminatorji. Huwa jinqara kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati u fil-limiti tal-poteri mogħtija minnu lill-Unjoni, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-azzjoni xierqa sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali.

Għaldaqstant, l-Artikolu 292 tat-TFUE għandu jinqara flimkien mal-bażi legali xierqa għas-sustanza tal-proposta, jiġifieri l-Artikolu 19(1) tat-TFUE.

Sussidjarjetà u proporzjonalità

---

[8] Dawn l-organizzazzjonijiet kienu rrappreżentati mill-Koalizzjoni tal-Politika Ewropea dwar ir-Rom (European Roma Policy Coalition - ERPC). Fost il-membri tal-ERPC li pparteċipaw fil-laqgħat insibu lill-Uffiċċju Ewropew ta' Informazzjoni dwar ir-Rom (European Roma Information Office - ERIO), il-Fondazzjonijiet tas-Soċjetà Miftuħa (Open Society Foundations - OSF), in-Netwerk Ewropew kontra r-Razziżmu (European Network Against Racism - ENAR), l-Organizzazzjoni Ewropea Bażi dwar ir-Rom (European Roma Grassroots Organisation - ERGO) u l-Amnesty International (AI).

[9] Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 1996, C-271/94, il-Parlament vs Il-Kunsill, il-paragrafu 14.

Skont il-**prinċipju tas-sussidjarjetà**, l-UE taġixxi biss jekk u safejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri (it-test tan-neċessità), iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE (test tal-valur miżjud tal-UE).

Il-miżuri introdotti minn xi Stati Membri jvarjaw ħafna f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tagħhom u ħafna Stati Membri ma ħadux azzjoni speċifika fil-qasam tal-inklużjoni tar-Rom. Skont il-konklużjonjiet tar-rapport ta' progress tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom[10], il-Kummissjoni nnutat li filwaqt li l-Istati Membri kellhom il-possibilità legali li jaġixxu biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-integrazzjoni tar-Rom, il-miżuri ppjanati s'issa m'humiex effiċjenti. Minħabba n-nuqqas ta' approċċ ikkordinat mal-kwistjoni tal-integrazzjoni tar-Rom, hemm diskrepanzi li qegħdin jikbru fost l-Istati Membri.

Regolamentazzjoni mifruxa u diverġenti fil-livell nazzjonali aktarx ukoll tiggrava s-sitwazzjoni billi toħloq problemi prattiċi ulterjuri bejn l-Istati Membri. Fil-fatt, l-indirizzar tal-kwistjoni tal-integrazzjoni tar-Rom b'mod mhux ikkoordinat wera li huwa ineffiċjenti fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, fejn il-moviment ħieles taċ-ċittadini huwa garantit. Din is-sitwazzjoni tista' tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' migranti tar-Rom fl-Istati Membri fejn hemm kundizzjonijiet aktar favorevoli ta' għajxien u fejn hemm miżuri ta' inklużjoni soċjali aktar favorevoli għall-persuni żvantaġġati.

F'dan ir-rigward, il-proposta preżenti għandha l-għan li tissupplimenta l-azzjoni eżistenti tal-UE fl-oqsma kkonċernati (jiġifieri: id-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment ħieles taċ-ċittadini, id-Direttiva 2000/43/KE dwar id-diskriminazzjoni razzjali) fid-dawl tal-kisba ta' riżultati aktar effiċjenti billi tikkoordina aħjar il-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri.

L-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u għaldaqstant jistgħu jintlaħqu aħjar permezz ta' azzjoni koordinata fil-livell tal-UE minflok permezz ta' inizjattivi nazzjonali ta' kamp ta' applikazzjoni, ambizzjoni u effettività varjabbli.

Skont **il-prinċipju tal-proporzjonalità**, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-UE ma jaqbżux dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-objettivi tat-Trattati. Kif turi l-esperjenza tal-passat, minkejja li f'dawn l-aħħar snin sar xi progress kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE, ftit li xejn kien hemm tibdil fis-sitwazzjoni ta' kuljum ta' ħafna mir-Rom. Skont is-sejbiet tal-Kummissjoni, għad m'hemmx miżuri b'saħħithom u proporzjonati fis-seħħ biex jiġu trattati l-problemi soċjali u ekonomiċi tal-parti l-kbira tal-popolazzjoni tar-Rom fl-UE.

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-proposta li ma torbotx hija limitata għat-twaqqif ta' objettivi komuni u għar-rakkomandazzjoni ta' miżuri speċifiċi, fosthom miżuri ta' azzjoni pożittiva speċifikament previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/43/KE biex jipprevjenu jew jagħmlu tajjeb għall-iżvantaġġi marbuta mal-oriġini razzjali jew etnika skont il-kundizzjonijiet żviluppati fil-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE fil-qasam tad-diskriminazzjoni bejn is-sessi[11]. Dan jagħti lill-Istati Membri biżżejjed libertà biex jiddeterminaw kif l-aħjar jilħqu dawn l-objettivi komuni fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi nazzjonali, reġjonali jew lokali.

---

[10] Dan ir-rapport kien ibbażat fuq informazzjoni u sejbiet ipprovduti mill-Istati Membri u għadd ta' partijiet interessati rilevanti.

[11] Ara l-Kawża C-409/95 *Marschall* [1997] Ġabra I-6363, il-paragrafu 35. Ara wkoll il-Kawża C-450/93 *Kalanke* [1995] Ġabra I-3051, il-paragrafi 22 sa 24, il-Kawża C-158/97 *Badeck* [2000] ECRI 2000 p. I-1875, kif ukoll il-Kawża C-407/98 *Abrahamsson* [2000] Ġabra I-5539.

Il-proposta mhux se tfixkel il-kompetenza tal-Istati Membri milli jindirizzaw il-kwistjoni tal-inklużjoni soċjali tal-komunitajiet żvantaġġati, bħar-Rom, peress li ma timponix obbligi riġidi. Hija sempliċiment tirrakkomanda diversi alternattivi lill-Istati Membri, filwaqt li tħallihom jiddeterminaw il-mod xieraq biex jiksbu l-objettivi stabbiliti.

L-għażla ta' strument

L-għażla ta' strument li ma jorbotx għandha l-għan li tipprovdi linji gwida prattiċi lill-Istati Membri fir-rigward tal-problema dwar l-inklużjoni soċjali tar-Rom, iżda mingħajr ma tistabbilixxi regoli vinkolanti stretti.

L-għażla għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li ssaħħaħ l-impenji politiċi eżistenti tal-Istati Membri filwaqt li tiżgura standards minimi konsistenti fl-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali effettivi dwar ir-Rom. Hija ssaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni transnazzjonali, filwaqt li tagħti biżżejjed lok għal immanuvrar lill-Istati Membri fuq il-formoli u l-metodi.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

2013/0229 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

Dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 19(1) u l-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tat-TUE jistabbilixxu d-dritt għal ugwaljanza, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni bħala valuri u objettivi essenzjali tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-Artikolu 10 tat-TFUE jiddikjara li "fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq […] ir-razza jew l-oriġini etnika".

(3) L-Artikolu 19(1) tat-TFUE jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, tal-oriġini razzjali jew etnika, tar-reliġjon jew twemmin, ta' diżabbiltà, tal-età jew tal-orjentazzjoni sesswali.

(4) L-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jobbliga lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE u lill-Istati Membri, meta jimplimentaw il-liġi tal-UE, biex jirrispettaw il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe raġuni, bħar-razza, il-kulur u l-oriġini etnika jew razzjali, u l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, u biex jippromwovu l-applikazzjoni tagħha skont il-poteri tagħhom.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE[12] tistabbilixxi qafas vinkolanti billi tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' oriġini tar-razza jew l-etniċità fl-UE kollha fl-oqsma tal-impjiegi u t-taħriġ, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali (inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa), il-vantaġġi soċjali, u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi (inkluża l-akkomodazzjoni).

(6) It-terminu "Rom" jintuża - bl-istess mod ta' dokumenti politiċi oħrajn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew - bħala terminu umbrella li jinkludi gruppi ta' persuni li għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess karatteristiċi kulturali, bħas-Sinti, it-Travellers, il-Kalé, il-Gens du voyage, eċċ, kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le[13].

(7) Ħafna mir-Rom fl-UE jinsabu f'sitwazzjoni soċjoekonomika agħar mill-popolazzjoni ġenerali u jibbenefikaw inqas mill-bqija tal-popolazzjoni żvantaġġata minn miżuri ġenerali ta' inklużjoni soċjali. Għaldaqstant, huma jeħtieġu miżuri addizzjonali u aktar

[12] ĠU L 180, 19,7.2000, p. 22.
[13] (SEG(2010)400)

ambizzjużi ta' inklużjoni soċjali li jkunu adattati għas-sitwazzjoni u l-bżonnijiet tagħhom. Peress li r-Rom ħafna drabi jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni, esklużjoni soċjali u faqar kbir, huma meqjusa vulnerabbli u esposti għal riskju akbar ta' traffikar tal-bnedmin.

(8) Ir-Rom li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri huma partikolarment vulnerabbli peress li għandhom l-istess kundizzjonijiet ta' għajxien ħorox bħal ħafna Rom li huma ċittadini tal-UE, filwaqt li jħabbtu wiċċhom ukoll ma' sfidi ta' migranti li jkunu ġejjin minn barra mill-UE.

(9) Fil-kuntest tal-moviment ħieles u l-mobilità fl-UE, huwa meħtieġ li l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tal-moviment liberu jiġi akkumpanjat minn titjib fil-kundizzjonijiet ta' għajxien tar-Rom, u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom fl-Istati Membri ta' oriġini kif ukoll fl-Istati Membri ta' residenza.

(10) Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar is-Sitwazzjoni tar-Rom fl-Ewropa (9 ta' Settembru 2010) u dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Inklużjoni tar-Rom (9 ta' Marzu 2011) talbu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw l-istrateġiji u l-istrumenti eżistenti tal-UE bil-ħsieb li tiġi żgurata l-inklużjoni soċjoekonomika tar-Rom.

(11) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2011 *Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma*[14] talbet lill-Istati Membri biex jadottaw jew ikomplu jiżviluppaw approċċ komprensiv għall-integrazzjoni tar-Rom u japprovaw għadd ta' għanijiet komuni fl-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni sabiex titħaffef l-integrazzjoni tar-Rom.

(12) Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet[15] fid-19 ta' Mejju 2011 dwar il-Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom, liema Konklużjonijiet jesprimu l-impenn tal-Istati Membri li javvanzaw l-inklużjoni soċjali u ekonomika tar-Rom.

(13) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011 talbu għall-implimentazzjoni rapida tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020, b'mod partikolari fir-rigward tat-tħejjija, l-aġġornament jew l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali ta' inklużjoni tar-Rom tal-Istati Membri jew settijiet integrati ta' miżuri ta' politika biex titjieb is-sitwazzjoni tar-Rom.

(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2012 *Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom: wieħed mill-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE*[16] u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha[17] pprovdew ir-riżultati mill-ewwel valutazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u stiednu lill-Istati Membri biex jipprevedu għadd ta' adattazzjonijiet bħala t-triq' il quddiem.

(15) Il-Kummissjoni tejbet id-djalogu tagħha mal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni tar-Rom, b'mod partikolari billi f'Ottubru 2012 ġie stabbilit in-netwerk ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom, sabiex jiġu diskussi soluzzjonijiet għal sfidi identifikati. F'Novembru u Diċembru 2012, grupp ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali komplew jiddiskutu kif jistgħu jtejbu l-effettività ta' miżuri biex tinkiseb l-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri, u sussegwentement irrappurtaw għan-netwerk kollu.

---

[14] COM(2011) 173 finali.

[15] *Council Conclusions on an EU Framework for National Roma Integration Strategies up to 2020*, dokument 106665/11 tad-19 ta' Mejju 2011.

[16] COM(2012) 226 finali.

[17] SWD(2012) 133 finali.

(16) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2013 dwar il-*Progress fl-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom*, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa għal aktar azzjoni sabiex jiżguraw il-prekundizzjonijiet meħtieġa għal implimentazzjoni b'suċċess ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-integrazzjoni tar-Rom kemm jista' jkun malajr.

(17) L-Istrateġija Ewropa 2020 tat impetu ġdid lill-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali billi ffissat mira Ewropea komuni biex tnaqqas l-għadd ta' persuni li qegħdin fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, tnaqqas ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola u żżid il-livelli edukattivi milħuqa u l-impjiegi. L-inklużjoni tar-Rom hija parti essenzjali tal-isforzi konverġenti tal-UE u tal-Istati Membri f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest, il-governanza attwali tas-Semestru Ewropew tippromwovi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti, u l-Pakkett ta' Investiment Soċjali[18] jipprovdi aktar gwida għall-isforzi biex jiġi żgurat it-tkabbir inkluživ.

(18) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq u n-nuqqasijiet identifikati, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri għall-inklużjoni tar-Rom, jeħtieġ li titjieb l-effettività tal-miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom.

(19) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Rom, li tikkumplimenta l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar l-antidiskriminazzjoni u li tgħin ħalli l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħha jkunu aktar effettivi.

(20) Din ir-Rakkomandazzjoni ma tkoprix differenzi ta' trattament abbażi ta' nazzjonalità u hija mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet relatati mal-istatus legali tar-Rom taħt il-liġi nazzjonali u dik tal-Unjoni jew tal-effetti legali ta' dan l-istatus.

(21) Fl-2011, fl-abbozz tar-Regolament ta' Dispożizzjonijiet Komuni[19], il-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni ġeografiċi l-aktar milquta mill-faqar jew ta' gruppi fil-mira bl-ogħla riskju ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni, b'kunsiderazzjoni speċjali għall-komunitajiet emarġinati. Flimkien mal-Fondi Ewropej Stutturali u ta' Investiment l-oħrajn, hija pproponiet ukoll, fl-abbozz tar-regolament tal-Fond Soċjali Ewropew[20] għall-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020, prijorità ta' investiment għall-integrazzjoni ta' komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom.

B'DAN JIRRAKKOMANDA

1. SKOP

1.1. L-iskop ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tiggwida lill-Istati Membri fit-titjib tal-effettività tal-miżuri tagħhom biex jintegraw lir-Rom u jsaħħu l-implimentazzjoni

[18] Komunikazzjoni *Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropw 2014-2020*, COM (2013) 83 finali.

[19] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 - COM(2011) 615.

[20] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 - COM(2011) 607.

tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Rom jew settijiet ta' miżuri ta' politika biex titjieb is-sitwazzjoni tar-Rom.

2. KWISTJONIJIET TA' POLITIKA SOSTANTIVI

Miżuri ta' politika mmirati

2.1. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-ugwaljanza sħiħa fil-prattika, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri mmirati biex jiżguraw it-trattament ugwali u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, inkluż l-aċċess ugwali tar-Rom għall-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-utilitajiet pubbliċi. Dan għandu jinkludi, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, miżuri speċifiċi biex jevitaw jew jagħmlu tajjeb għall-iżvantaggi marbuta mal-oriġini razzjali jew etnika.

2.2. Il-miżuri li jridu jiġu adottati għandhom ikunu bbażati fuq indikaturi soċjoekonomiċi jew ġeografiċi, bħall-qgħad għoli fuq medda twila ta' żmien, il-livell baxx milħuq ta' edukazzjoni, jew żoni żvantaġġati u/jew segregati.

Aċċess għall-edukazzjoni

2.3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw it-trattament ugwali u jiżguraw aċċess sħiħ għar-Rom għal kwalità tajba u tradizzjonali tal-edukazzjoni, bil-għan li jonqos id-distakk bejn ir-Rom u studenti oħra u jiġi żgurat li l-istudenti Rom kollha għallinqas ilestu l-edukazzjoni obbligatorja, u speċjalment l-edukazzjoni primarja. Dan l-għan għandu jintlaħaq billi:

(a) tiġi eliminata s-segregazzjoni skolastika, anke billi jintemm it-tqegħid mhux xieraq tal-istudenti Rom fi skejjel ta' bżonnijiet speċjali;

(b) jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel[21] matul l-edukazzjoni, anke fil-livell sekondarju, b'enfasi fuq il-gruppi vokazzjonali;

(c) jiżdied l-aċċess għal u l-kwalità tal-edukazzjoni bikrija u l-kura tat-tfal, inkluż appoġġ immirat, kif meħtieġ;

(d) jintużaw metodi inklużivi u personalizzati ta' tagħlim, inkluż appoġġ għat-tagħlim għal studenti batuti u l-ġlieda kontra l-illitteriżmu;

(e) jiġi mħeġġeġ aktar involviment mill-ġenituri u jiġu appoġġjati l-familji b'medjaturi tal-iskola ddedikati għar-Rom;

(f) jittejjeb it-taħriġ tal-għalliema u l-medjazzjoni tal-iskola ddedikata għar-Rom;

(g) jitwessa' l-aċċess tal-edukazzjoni li tagħti t-tieni opportunità, tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni bejn il-livelli edukattivi, u jiġi żgurat li r-Rom jiksbu taħlita ta' ħiliet li jgħinuhom jidħlu fis-suq tax-xogħol.

2.4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex iħeġġu l-parteċipazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni sekondarja u dik terzjarja.

---

21 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel, ĠU C 191, 1.7.2011. Waħda mill-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 miftiehma mill-Kunsill Ewropew hija li jitnaqqas is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola għal inqas minn 10 % u li jkun żgurat li għallinqas 40 % tal-ġenerazzjoni żagħżugħa jkollha kwalifika terzjarja jew ekwivalenti.

Aċċess għall-impjiegi

2.5. Apparti miżuri mmirati li jistgħu jieħdu l-Istati Membri, huma għandhom jiżguraw it-trattament ugwali u jingħalaq id-distakk bejn ir-Rom u ħaddiema oħra sabiex titjieb is-sitwazzjoni tar-Rom fir-rigward tal-impjiegi fi ħdan il-politiki tradizzjonali tagħhom. Dan l-għan għandu jintlaħaq billi:

(a) tiġi appoġġjata l-ewwel esperjenza ta' xogħol, it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, it-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet;

(b) jiġu appoġġjati l-impjiegi indipendenti u l-intraprenditorija;

(c) jingħata aċċess ugwali lis-servizzi pubbliċi tal-impjieg tradizzjonali, flimkien ma’ servizzi speċifiċi u individwalizzati għar-Rom li jkunu qed ifittxu impjieg, u jiġi promoss l-impjieg tar-Rom bħala ħaddiema taċ-ċivil ikkwalifikati;

(d) jitħarrġu u jiġu impjegati medjaturi tar-Rom ikkwalifikati għall-għoti ta’ konsulenza u pariri dwar opportunitajiet ta’ karriera;

(e) jiġu eliminati ostakoli, inkluża d-diskriminazzjoni, għad-dħul (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol miftuħ

Aċċess għall-kura tas-saħħa

2.6. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw it-trattament ugwali u jingħalaq id-distakk bejn ir-Rom u pazjenti oħrajn sabiex jitjieb l-aċċess tar-Rom, fuq l-istess livell ma’ dawn tal-aħħar, għas-servizzi ta' prevenzjoni, ta' kura tas-saħħa primarja, ta’ emerġenza u ta' kura tas-saħħa speċjalizzata. Dan l-għan għandu jintlaħaq billi:

(a) jiġi żgurat l-għoti ta’ kopertura ta' sigurtà soċjali bażika u servizzi tas-saħħa komprensivi għar-Rom;

(b) jiġu offruti spezzjonijiet mediċi regolari, kura qabel u wara t-twelid u ppjanar tal-familja;

(c) jiġu applikati skemi ta’ tilqim bla ħlas immirati b’mod partikulari għal dawk li jgħixu f’żoni marġinalizzati u remoti;

(d) jitħarrġu medjaturi tas-saħħa Rom ikkwalifikati.

Aċċess għall-akkomodazzjoni;

2.7. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw it-trattament ugwali u jingħalaq id-distakk li hemm bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali sabiex jiġu estiżi l-politiki u l-miżuri tal-akkomodazzjoni tagħhom għar-Rom. Dan l-għan għandu jintlaħaq billi:

(a) tiġi eliminata s-segregazzjoni tal-ispazju u tiġi promossa d-desegregazzjoni;

(b) jiġi promoss l-aċċess mhux diskriminatorju għall-akkomodazzjoni soċjali, inkluż fir-rigward tal-kwalità tal-akkomodazzjoni soċjali disponibbli għar-Rom, kif ukoll id-disponibbiltà ta’ siti ta’ waqfien għal Rom vjaġġaturi/mhux sedentarji;

(c) jitħarrġu medjaturi tar-Rom kwalifikati għall-promozzjoni tal-użu tal-akkomodazzjoni soċjali u tal-utilitajiet u l-infrastrutturi pubbliċi għar-Rom kollha.

2.8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet mill-awtoritajiet lokali għal proġetti ta' riġenerazzjoni urbana jinkludu, meta jkun rilevanti, interventi għall-akkomodazzjoni integrati favur il-komunitajiet emarġinati. L-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll l-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità u l-investimenti territorjali integrati appoġġati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej[22].

Finanzjament

2.9. L-Istati Membri għandhom jallokaw biżżejjed fondi għall-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u lokali tagħhom minn kwalunkwe sors ta' finanzjament disponibbli (lokali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali) fid-dawl tal-kisba tal-objettivi tal-inklużjoni tar-Rom. Dan għandu jkun iffaċilitat billi jiġi allokat sehem xieraq mir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni għall-investiment fin-nies permezz tal-FSE, u jiġu allokati mill-inqas 20 % ta' dan l-ammont f'kull Stat Membru għall-inklużjoni soċjali.

2.10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa biex l-integrazzjoni tar-Rom tiġi inkluża bħala prijorità fil-Ftehimiet ta' Sħubija dwar l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej[23] għall-perjodu 2014-2020, filwaqt li jitqiesu d-daqs u r-rati ta' faqar tal-komunitajiet tar-Rom u d-distakk bejn ir-Rom u dawk li mhumiex Rom, kif ukoll l-isfidi identifikati mis-Simestru Ewropew għall-aktar Stati Membri ikkonċernati.

2.11. L-Istati Membri għandhom itejbu l-kapaċitajiet ta' ġestjoni, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tagħhom bis-sostenn tal-assistenza teknika tal-ESIF (Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej).

2.12. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ukoll il-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili billi jintużaw il-fondi nazzjonali u tal-UE sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw il-proġetti b'mod effettiv.

2.13. L-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom jew settijiet integrati ta' miżuri ta' politika għandhom isegwu approċċ immirat għall-bżonnijiet speċifiċi ta' żoni ġeografiċi jew ta' gruppi mmirati l-aktar milquta mill-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħar-Rom.

3. MIŻURI TA' POLITIKA MMIRATI

Antidiksriminazzjoni

3.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infurzar effettiv u prattiku tad-Direttiva 2000/43/KE fuq il-post, speċjalment permezz ta' eżami analitiku tar-regolamenti amministrattivi u prattiċi nazzjonali, reġjonali u lokali tagħhom sabiex jiġu identifikati u mħassra kwalunkwe miżuri diskriminatorji jew ta' segregazzjoni. Il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha sservi ta' referenza addizzjonali għall-identifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet jew prattiki illegali.

---

22 Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

23 Il-FEŻR jista' jappoġġja l-infrastrutturi fis-setturi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-akkomodazzjoni.

3.2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri ta' desegregazzjoni fir-rigward tar-Rom fil-livelli reġjonali u lokali. Il-politiki u l-miżuri kontra s-segregazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn taħriġ xieraq u programmi ta' informazzjoni indirizzati għall-ħaddiema taċ-ċivil lokali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, inklużi r-Rom infushom.

3.3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li, f'każijiet ta' evizzjonijiet sfurzati, apparti l-*acquis* tal-UE, l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jiġu rrispettati bis-sħiħ.

3.4. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra r-Rom fis-soċjetà, b'mod partikulari billi:

(a) titqajjem kuxjenza fil-komunitajiet tar-Rom u fost il-pubbliku ġenerali dwar il-benefiċċji tal-integrazzjoni tar-Rom;

(b) titqajjem kuxjenza pubblika dwar in-natura multikulturali tas-soċjetajiet u dawn l-aspetti jiġu inklużi fil-kurrikuli u l-materjal tal-iskejjel fejn ikun rilevanti.

Protezzjoni tat-tfal u n-nisa Rom

3.5. L-Istati Membri għandhom jiġġieldu d-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha t-tfal u n-nisa Rom, inkluża d-diskriminazzjoni multipla, permezz ta' infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar żwiġijiet taħt l-età, il-ġlieda kontra żwiġijiet sfurzati, u l-projbizzjoni ta' tallaba li jinvolvu t-tfal. F'dan l-eżerċizzju, l-Istati Membri għandhom bl-istess mod jinvolvu l-atturi rilevanti kollha, bħall-ispetturi tas-saħħa u tax-xogħol, il-pulizija, l-esperti tal-edukazzjoni u l-membri tal-ġudikatura u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

It-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali

3.6. L-Istati Membri għandhom jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali li jaffettwaw il-poplu tar-Rom permezz ta' investiment fil-kapital uman u l-politiki ta' koeżjoni soċjali, b'mod partikulari billi:

a) jippermettu l-implimentazzjoni tal-politiki għall-inklużjoni tar-Rom permezz ta' skemi ta' sostenn immirati u kondizzjonali, inklużi benefiċċji u servizzi li jappoġġjaw id-dħul (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol; jippromwovu s-swieq tax-xogħol inklużivi u jiġi pprovdut sostenn xieraq għad-dħul;

b) jagħmlu l-benefiċċji u s-servizzi soċjali mogħtija lir-Rom aktar sostenibbli u xierqa permezz ta' immirar aħjar u semplifikazzjoni tal-proċeduri, jiġġieldu kontra l-frodi u l-iżbalji, jużaw aktar l-iskemi ta' assistenza soċjali u jipprovdu inċentivi biex ix-xogħol mhux dikjarat jiġi kkonvertit f'impjiegi formali.

3.7. L-Istati Membri, filwaqt li jqisu d-daqs tal-popolazzjonijiet Rom tagħhom, għandhom jagħmlu l-integrazzjoni tar-Rom wieħed mill-aspetti ewlenin tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020.

L-għoti ta' setgħat

3.8. L-Istati Membri għandhom jagħtu awtonomija u jappoġġjaw lir-Rom fl-istadji kollha ta' ħajjithom, u jinvestu fi skemi ta' garanziji għaż-żgħażagħ, tagħlim tul il-ħajja u programmi ta' tixjiħ attiv.

3.9. L-Istati Membri għandhom iwettqu attivitajiet ta' informazzjoni biex tkompli titqajjem kuxjenza fost ir-Rom dwar id-drittijiet tagħhom (speċjalment fir-rigward tad-diskriminazzjoni u l-possibbiltajiet li jfittxu rimedju) u d-dazji.

4. MIŻURI STRUTTURALI

Azzjoni lokali

4.1. L-Istati Membri, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tal-awtoritajiet lokali, għandhom iħeġġu pjanijiet jew strateġiji ta' azzjoni lokali li jinkludu linji ta' referenza, punti ta' riferiment u miri li jistgħu jitkejlu għall-inklużjoni tar-Rom kif ukoll finanzjament xieraq.

4.2. Huma għandhom jinvolvu r-reġjuni, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili lokali fl-eżaminazzjoni, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom. Il-partijiet interessati rilevanti għandhom ikunu involuti fir-rigward tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi kkofinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. L-awtoritajiet ċentrali u lokali għandhom jikkooperaw b'mod kostanti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jallokaw biżżejjed fondi għall-awtoritajiet pubbliċi lokali biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' settijiet immirati ta' politiki fil-livell lokali.

Sorveljanza u evalwazzjoni tal-oqsma ta' politika

4.3. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-effettività tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom jew settijiet integrati ta' miżuri ta' politika u r-riżultati tal-pjanijiet ta' azzjoni, programmi jew strateġiji lokali. Għal dan il-għan, huma għandhom isaħħu l-ġbir ta' dejta kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-integrazzjoni tar-Rom u dwar il-progress miksub permezz tal-istrateġiji jew il-miżuri msemmija hawn fuq. L-implimentazzjoni tal-istrateġiji għandha tiġi evalwata u mqabbla mal-linja ta' referenza sabiex tiġi vvalutata r-rilevanza, l-effettività, is-sostenibbiltà, u l-koordinazzjoni tagħhom.

4.4. Bis-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u f'konformità mal-liġi applikabbli nazzjonali u tal-UE, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-indikaturi ewlenin u l-metodi tal-ġbir tad-dejta biex jitkejjel il-progress fuq bażi regolari, partikularment fil-livell lokali, li jippermetti rappurtar effiċjenti u tqabbil bejn is-sitwazzjoni tar-Rom u dawk li mhumiex Rom fl-Istati Membri u madwarhom. Huma għandhom jistabbilixxu wkoll linji ta' referenza u miri li jistgħu jitkejlu għall-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom.

Korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali

4.5. L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw ix-xogħol u l-kapaċità istituzzjonali tal-korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali billi jingħatawlhom riżorsi xierqa sabiex ikunu jistgħu jipprovdu assistenza ġuridika u ġudizzjarja b'mod effettiv u sostenn għar-Rom li jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni.

4.6. Huma għandhom jiżguraw djalogu regolari bejn il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom u l-korpi nazzjonali għall-promozzjoni tat-trattament ugwali.

Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom

4.7. L-Istati Membri għandhom jipprovdu Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom b'mandat xieraq, riżorsi finanzjarji u umani sabiex ikunu jistgħu jikkoordinaw b'mod effettiv l-implimentazzjoni transsettorjali u l-monitoraġġ ta' politiki għall-integrazzjoni tar-Rom fil-livell nazzjonali u lokali. Huma għandhom jiżguraw li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom jiġu kkonsultati matul il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet rigward id-definizzjoni, il-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika rilevanti. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni u l-involviment tas-soċjetà ċivili tar-Rom fl-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u l-pjanijiet ta' azzjoni lokali.

Kooperazzjoni transnazzjonali

4.8. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jipparteċipaw, flimkien mal-miżuri meħuda fi ħdan il-qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom, f'forom transnazzjonali ta' kooperazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, permezz ta' inizjattivi ta' politika, b'mod partikulari proġetti u ftehimiet bilaterali jew multilaterali, sabiex:

a) jipprovdu soluzzjonijiet għall-problemi relatati mal-mobilità transfruntiera tar-Rom fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

b) jappoġġjaw it-tagħlim reċiproku u l-multiplikazzjoni tal-prattiki tajba, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet li jiġġestixxu l-fondi strutturali bil-għan li jitfasslu interventi effettivi għall-inklużjoni tar-Rom.

5. RAPPURTAĠĠ U SEGWITU

5.1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni sa mhux aktar tard minn [ŻID 24 xahar mid-data tal-pubblikazzjoni] u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura li tittieħed skont din ir-Rakkomandazzjoni sa dik id-data.

5.2. Minn hemm' il quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw kwalunkwe miżuri ġodda adottati lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, fl-aħħar ta' kull sena.

5.3. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri se tikkontribwixxi għat-tħejjija tar-rapporti annwali tal-Kummissjoni u mibgħuta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom kif ukoll għas-Semestru Ewropew tal-Istrateġija Ewropa 2020 bil-formulazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.

5.4. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u se tivvaluta fi żmien tliet snin mill-adozzjoni tagħha l-ħtieġa għar-reviżjoni u l-aġġornament ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President